KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 29 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.57 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.45pm | 9.45pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.00pm | 9.45pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.46pm | 9.45pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | marid | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | marid | |
| Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 7.57pm | 9.45pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35pm | 9.45pm |
| Kunsillier David Meilak | skuzat | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.55pm | 9.45pm |

L-Aġent Segretarju Ezekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien prezenti għal-laqgħa.

**1.00(a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 28 tas 26 ta' Settembru 2013**

Il-minuti tal-laqgħa Nru: 28 li saret nhar is-26 ta' Settembru, 2013 kienu intbagħtu qabel il-laqgħa u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr ebda korrezzjoni.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

2.01 Dwar item 5.00 –*Nuclear Shelter-Request for devolution* – Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia infurmat il-Kunsill li kienet saret laqgħa bejn l-*stakeholders* kollha u ġie deċiż li ssir *site visit* sabiex jiġi deċiż kif ser jitneħħa l-asbestos li kien hemm fil-post. It-tneħħija ta' l-asbestos kienet l-ewwel ħaġa li kien hemm bżonn issir qabel ma wieħed jitkellem fuq riabilitazzjoni tal-post.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

2.02 Dwar item 7.00 – Questionnaire – *Re Timing of Domestic Refuse Collection*- Is-Sindku qalet li kien hemm kummenti li r-response tal-kwestjonarju ma kienx biżżejjed biex tiġġustifika d-deċiżjoni li l-ġbir tal-iskart domestiku jibqa jsir filgħaxija. Hija qalet li kien ser jittieħed parir dwar dan.

## 3.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta' Pagamenti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta pagamenti li tammonta għas-somma netta ta' €179,759-39 (kopja annessa).

Is-Segretarju ġie mistoqsi mill-Kunsillier Alex Muscat għaliex pagament numru1666 lill ARMS kien juri li l-ammont kien 'zero'. Irriżulta li dan kien għaliex kien hemm pagament a bażi ta stima fil-kontijiet ta' qabel u għalhekk ma kienx hemm bilanċ x'jitħallas meta sar il-qari tal-arloġġ fil-post konċernat.

### (b) Lista tal-Works Orders

Ġiet ippreżentata lista ta works orders . Din ġiet aprovata unanimament kif ippreżentata.

### c) Lista tal- Purchase Orders

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

### d) Presentation of Accounts Quarterly Returns u Financial Statement as at 30$^{th}$ September, 2013.

F'dan il-ħin intalbet u ġiet approvata unanimament sospensjoni tar-regolamenti biex l-accountant is-Sur Michael Debono jkun jista jispjega l-Financial Statement u l-Quarterly Returns sa l-aħħar ta' Settembru 2013.

Is-Sur Debono spjega fid-dettall d-dokumenti mqassma (kopji annessi) u wara li ġew approvati huwa irtira mill-laqgħa.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista ta' 10 items ta korrispondenza iżda ġew trattati biss tliet ittri għaliex il-Kunsillier James Cassar informa li ma jistax idum minħabba impenji oħra u ma kienx ser jkun hemm aktar kworum u għalhekk ġie deċiż li l-laqgħa tiddiskuti biss xi materji ta' urgenza. Il-kumplament tal-korrispondenza tħallew għal-laqgħa oħra. Id-deċiżjonijiet dwar it-tliet items diskussa huma:

4.01 – Talba sabiex il-Kunsill joħroġ permess u jikkopera mal-Mosta Scouts Group sabiex tittella attivita ta Abseiling Marathon. Din ġiet approvata unanimament u l-Kunsill aċċetta li jikkopera u jgħin f'din l-attivita kif sar fis-sena ta qabel iżda ma jieħux responsabilita ta xi inċidenti li jista jkun hemm.

4.02 – Talba tas-Sinjura Anna Cordeiro sabiex isir mafkar f'Ġieh il-Mosti Karmelitan Patri Avertan Fenech mal-ħajt tal-Ġnien Reggie Cilia faċċata tat-Triq l-iġġib l-isem ta' Patri Avertan Fenech. Din it-talba ġiet aċċettata unanimament bil-kundizzjoni li jinġabu l-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet konċernati.

4.03 – Memo 26/2013 tad-DLG sabiex jinħatar Ambaxxatur (persuna ta' bejn is-sittax u tmintax il-sena) fil-Kunsill Lokali. Ġie deċiż li s-Sindku tiġi awtorizata tagħżel persuna għal dan ir-rwol wara li l-kunsilliera jibgħatu l-proposti/nominazjonijiet tagħhom u l-Kunsill jiġi nfurmat bl-isem tal-persuna magħżula fl-laqgħa oħra tal-Kunsill. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ jiġi mitlub jagħti nominazzjoni tiegħu. Dan sar minħabba l-urġenza u restrizjoni ta' ħin għal din l-għażla kif imposta mid-dipartiment.

**5.00 Aġġudikazzjoni tat-Tenders**

5.01 Tender No: KLM 05/2013 –Hiring and Installation of Christmas Street Lighting Decorations in Various Streets.

Ġie ippreżentat r-rapport tal-Kumitat tat-Aġġudikazjoni u l-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazjoni tal-kumitat li t-tender jingħata lis-Sur Lawrence Cassar li kien offra l-irħas offerta bħala option 1 bil-prezz ta' €12,400.

5.02 Tender No. KLM 06/2013 – Provision of Accountancy Services for the Mosta Local Council.

Il-Kunsillier Alex Muscat ħareġ mill-kamra minħabba li kellu konflitt ta interess fl-aġġudikazjoni ta' dan it-tender. (Huwa kien għamel hekk ukoll meta iltaqa l-Kumitat tal-Aġġudikazjoni).

Ġie ippreżentat r-rapport tal-Kumitat tat-Aġġudikazjoni u l-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazjoni tal-kumitat li t-tender jingħata lis-Sur Daniel Galea li kien offra l-irħas offerta bil-prezz ta' €13,797 għal tlett snin. Is-Sindku rrapurtat li kienet saret laqgħa mas Sur Galea sabiex jiġu iċċarati xi punti dwar kif kellu jsir ix-xogħol u s-Sur Galea ikkonferma li huwa kien lest li jaħdem skont kif kien jghid id-dokument tat-tender.

Il-Kunsillier Alex Muscat reġa daħal għal-laqgħa wara din id-deċiżjoni.

**5.03 Quotation No. KLMQ 2-2013 – Online Streaming of Mosta Local Council Meetings.**

Il-Kunsill approva unanimament li l-Kunsill jaqbel unanimament li għandha tintgħażel l-irħas offerta ta' Correct Termination Ltd li tidher li tissodisfa l-kundizzjonijiet tas-sejħa għal kwotazjonijiet skont ir-rapport li kien ippreżenta l-Kunsillier Keith Cassar. Deċiżjoni finali għandha tittieħed mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skont struzzjonijiet li l-Kunsilli kienu rċevew mingħand id-dipartiment wara li l-amministrazjoni tibgħat d-dokumentazjoni kollha lid-dipartiment.

**6.00 Aġġornament**

Peress li l-Kunsillier James Cassar kellu jitlaq għax kellu impenji oħra, ma kienx baqa quorum u l-laqgħa ġiet aġġornata għal-Ħamis 21 ta' Novembru, 2013 fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.45p.m.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv